MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 112/2005

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-kontendenti zzewwgu fis-sitta (6) ta’ Gunju tas-sena elfejn u tnejn (2002) fir-Registru taz-Zwieg, il-Belt – Valletta (Dok. A).

Peress illi minn dan iz-zwieg, il-kontendenti D u B ma kellhomx tfal;

Peress illi l-hajja konjugali m’ ghadhiex aktar possibbli minhabba li l-konvenut irrenda ruhu hati ta’ eccessi,

mohqrija, theddid u offizi gravi fil-konfront ta’ martu l-attrici kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Peress illi l-attrici giet debitament awtorizzata biex tipprezenta din l-istanza permezz ta’ digriet f’ dan is-sens moghti fl-erbgha (04) ta’ Marzu tas-sena elfejn u hamsa (2005) mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) bin-numru 263/2005 (Dok. B);

Peress illi l-attrici ghamlet diversi tentattivi ta’ rikonciljazzjoni izda dawn ma tawx frott minhabba l-agir irresponsabbli tal-konvenut;

Peress illi t-tentattivi li saru sabiex tintlahaq separazzjoni bonarja, inkluz permezz tal-medjazzjoni, ma tawx frott minhabba l-intransingenza tal-konvenut;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex in vista tal-premess m’ ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tordna s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba tortijiet esklussivament attribbwibbli lill-konvenut u senjatament eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi kommessi mill-konvenut fil-konfront ta’ martu l-attrici;

2. Tawtorizza lill-attrici tghix separata mill-konvenut zewgha;

3. Tillikwida u tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti;

4. Tillikwida, tiddividi u tassenja l-assi ta’ l-istess komunjoni ta’ l-akkwisti lill-kontendenti f’ dak il-proporzjon u b’ dawk il-modalitajiet li jigu stabbiliti minn din il-Qorti, okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi;

5. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi kull att ta’ divizjoni ta’ immobli opportun f’ jum u hin li wkoll jigu stabbiliti minn din il-Qorti;

6. Tinnomina kuraturi biex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att pubbliku ta' divizjoni;

7. Tiddikjara li l-konvenut iddekada minn dawk id-drittijiet tieghu, kif jigi stabbilit minn din il-Qorti skond ir-rizultanzi, u dan a tenur ta' l-artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili;

8. Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra ossia tnizzel fir-registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din il-Qorti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk inkorsi fil-proceduri quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) kontra l-konvenut li jibqa' ngunt minn issa in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha u l-lista tax-xhieda;

Rat li l-konvenut debitament notifikat ghazel li jibqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati mill-attrici;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali minn ma' zewgha l-konvenut ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikolu 40 tal-Kap.16 imputabbli lill-istess konvenut; kif ukoll sabiex tirregola l-effetti konsegwenzjali.

**Kwadru tal-fatti**
Illi mill-provi mhux kontradetti jirrizulta li l-attrici, cittadina maltija, izzewwget lill-konvenut, cittadin libjan, fis-6 ta' Gunju 2002. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

L-attrici tghid li malli zzewgitu “dhalt go infern”[1] ghax, apparti mill-fatt li l-konvenut kien jitraskuraha u jhalliha wahedha filwaqt li hu johrog ghal sieghat shah ma’ shabu, u apparti mill-fatt li l-piz finanzjarju kollu tal-familja waqa’ kollu fuqha li kellha tara kif tkampa bil-paga taghha li lanqas kienet isserviha, il-konvenut kien aggressiv maghha. Huwa kien dominanti u kien jghajjarha, insolenta u anke jerfa’ idejh fuqha jekk hi ma toqghodx ghal li jghid hu. Tghid li kienet biss l-iskjava tieghu.

L-attrici tkompli tghid li l-uniku skop li ghalih il-konvenut kien izzewwigha kien sabiex jakkwista c-citadinanza maltija, peress li sa qabel iz-zwieg huwa kien Malta klandestinament minghajr permess.

Il-Qorti tirravisa minn dan il-kwadru tal-fatti s-sevizzi kontemplati fl-artikolu 40 tal-Kap.16 konsistenti fi swat, umiljazzjoni, tghajjir u theddid da parti tal-konvenut fil-konfront ta’ martu l-attrici.

Illi rigward il-komunjoni ta’ l-akkwisti l-attrici tghid li matul iz-zwieg huma kienu xtraw karrozza in parte bil-flus taghha, u in parte permezz ta’ loan fuq isem l-attrici, filwaqt li l-insurance kienet fuq isem il-konvenut li ghandu llum tinsab il-karrozza u jsuqha hu biss.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddisponi mit-talbiet attrici kif ser jinghad:

[1] tilqa’ l-ewwel talba u tordna s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghal tortijiet unikament imputabbli lill-konvenut;

[2] tilqa’ t-tieni talba;

[3] tilqa’ it-tielet u r-raba talba u tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti; u tordna li sehem il-konvenut mill-vettura mixtrija jigi assenjat lill-attrici stante li l-vettura giet akkwistata bl-introitu taghha; u tordna li minnufih il-

[1] Fol.31

konvenut jikkonsenja l-vettura lill-attrici; inoltre d-dejn ezistenti sallum ghandu jkun kollu a kariku esklussiv tal-konvenut stante li dan id-dejn kellu jsir minhabba nuqqasijit tal-konvenut;

[4] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba talba stante li hi superfluwa;

[5] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba stante li hi superfluwa;

[6] tilqa' is-seba talba u tapplika fil-konfront tal-konvenut l-artikolu 48 tal-Kap.16 fl-intier tieghu;

[7] tilqa' t-tmien talba;

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------